

31.1.2024

A9-0014/212

Emenda 212

Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(43a) Il-popli tal-Ewropa, bħall-ħlejjaq
ħajjin kollha, jiddependu fuq l-aċċess
għal dieti tajbin għas-saħħa biex iżommu
ruħhom f'saħħithom. Id-dritt għall-
informazzjoni għall-konsumaturi
jiggarantixxi lil kulħadd l-opportunità li
jkun infurmat dwar il-kwalità tal-prodotti
mixtrija, skont l-Artikolu 169 tat-Trattat
dwar il-Funzjonament tal-Unjoni
Ewropea. Għalhekk, it-traċċabbiltà u t-
tikketta tal-ikel, b'mod partikolari l-
pjanti tal-NGT, tul il-katina tal-
produzzjoni u tad-distribuzzjoni, huma
meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità
ma' dan il-prinċipju.***

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/213

Emenda 213

Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li pjanta tal-NGT hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 1, fir-rigward tat-tħejjija u l-preżentazzjoni tan-notifika għal dik id-determinazzjoni, u fir-rigward tar-rekwiżiti tal-metodoloġija u tal-informazzjoni għall-valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u tal-ikel tal-NGT u tal-ġhalf tal-NGT, f'konformità mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁵⁾.

imħassar

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. fr

Emenda 214**Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi**

f' isem il-Grupp The Left

Rapport**A9-0014/2024****Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom (COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament**Premessa 46***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(46) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġbor regolarment informazzjoni sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni ***fil-kisba tal-iżvilupp u d-disponibbiltà*** tal-pjanti tal-NGT u tal-prodotti tal-NGT fis-suq li jistgħu ***jikkontribwixxu għall-oġġettivi*** tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt”, għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima sabiex issir evalwazzjoni infurmata tal-leġiżlazzjoni. Ġie identifikat sett wiesa’ ta’ indikaturi⁵⁶ u dan jenħtieġ li jiġi rieżaminat perjodikament mill-Kummissjoni. L-indikaturi jenħtieġ li jappoġġaw il-monitoraġġ tar-riskji potenzjali għas-saħħa jew għall-ambjent tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u tal-prodotti tal-NGT relatati, l-impatt tal-pjanti tal-NGT fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali kif ukoll l-impatt fuq il-biedja organika u fuq l-aċċettazzjoni mill-konsumaturi tal-prodotti tal-NGT. L-ewwel rapport ta’ monitoraġġ jenħtieġ li jiġi ppreżentat 3 snin wara li l-ewwel prodott jkun ġew innotifikati/awtorizzati, biex jiġi żgurat li tkun disponibbli biżżejjed data wara l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, u minn hemm ’il quddiem f’intervalli regolari. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ta’ dan ir-Regolament sentejn wara li jkun ġie ppubblikat l-ewwel rapport

(46) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġbor regolarment informazzjoni sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni ***fil-projbizzjoni tat-tqegħid*** tal-pjanti tal-NGT u tal-prodotti tal-NGT fis-suq li jistgħu ***jipperikolaw l-oġġettivi*** tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt”, għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima sabiex issir evalwazzjoni infurmata tal-leġiżlazzjoni. Ġie identifikat sett wiesa’ ta’ indikaturi⁵⁶ u dan jenħtieġ li jiġi rieżaminat perjodikament mill-Kummissjoni. L-indikaturi jenħtieġ li jappoġġaw il-monitoraġġ tar-riskji potenzjali għas-saħħa jew għall-ambjent tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u tal-prodotti tal-NGT relatati, l-impatt tal-pjanti tal-NGT fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali kif ukoll l-impatt fuq il-biedja organika u fuq l-aċċettazzjoni mill-konsumaturi tal-prodotti tal-NGT. L-ewwel rapport ta’ monitoraġġ jenħtieġ li jiġi ppreżentat 3 snin wara li l-ewwel prodott jkun ġew innotifikati/awtorizzati, biex jiġi żgurat li tkun disponibbli biżżejjed data wara l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, u minn hemm ’il quddiem f’intervalli regolari. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ta’ dan ir-Regolament sentejn wara li jkun ġie ppubblikat l-ewwel rapport

ta' monitoraġġ, sabiex tippermetti li l-impatt tal-ewwel prodotti li jgħaddu mill-verifika jew mill-awtorizzazzjoni jimmaterjalizza bis-sħiħ.

⁵⁶ SWD (2023) 412.

ta' monitoraġġ, sabiex tippermetti li l-impatt tal-ewwel prodotti li jgħaddu mill-verifika jew mill-awtorizzazzjoni jimmaterjalizza bis-sħiħ.

⁵⁶ SWD (2023) 412.

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/215

Emenda 215

Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti oħra tad-dritt tal-Unjoni, pjanta tal-NGT tista' tiġi rilaxxata intenzjonalment fl-ambjent **biss għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq**, u prodott tal-NGT jista' jitqiegħed fis-suq **biss jekk:**

Mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti oħra tad-dritt tal-Unjoni, ***l-ebda*** pjanta tal-NGT ***ma*** tista' tiġi rilaxxata intenzjonalment fl-ambjent u ***l-ebda*** prodott tal-NGT ***ma*** jista' jitqiegħed fis-suq.

- 1) il-pjanta tkun pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 u tkun kisbet deċiżjoni li tiddikjara dak l-istatus f'konformità mal-Artikolu 6 jew 7; jew**
- b) hija n-nisel ta' pjanta/i msemmija fil-punt (a); jew**
- 2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 u ġiet awtorizzata f'konformità mal-Kapitolu III.**

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/216

Emenda 216

Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'deroga mill-Artikolu 11(1) u mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, wara l-ewwel tiġdid, l-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ***mingħajr limitu***, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix li ġġedded l-awtorizzazzjoni għal perjodu ***limitat***, għal raġunijiet ġustifikati bbażati fuq is-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont dan ir-Regolament u fuq l-esperjenza bl-użu, inklużi r-riżultati tal-monitoraġġ, jekk dan ikun speċifikat fl-awtorizzazzjoni.

B'deroga mill-Artikolu 11(1) u mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, wara l-ewwel tiġdid, l-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ***ta' tliet snin***, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix li ġġedded l-awtorizzazzjoni għal perjodu ***ta' inqas minn tliet snin***, għal raġunijiet ġustifikati bbażati fuq is-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont dan ir-Regolament u fuq l-esperjenza bl-użu, inklużi r-riżultati tal-monitoraġġ, jekk dan ikun speċifikat fl-awtorizzazzjoni.

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/217

Emenda 217

Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom (COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(5) u l-Artikolu 22(8) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **5 snin** mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' **5 snin**. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(5) u l-Artikolu 22(8) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **sena** mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' **sena**. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Or. fr

31.1.2024

A9-0014/218

Emenda 218

Marina Mesure, Manon Aubry, Leila Chaibi
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 27

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 27

imħassar

Atti ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar:

- a) l-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li pjanta hija pjanta tal-NGT;*
- b) it-tħejjija u l-preżentazzjoni tat-talbiet għall-verifika msemmija fl-Artikoli 6 u 7;*
- c) il-metodoloġija u r-rekwiżiti tal-informazzjoni għall-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u l-valutazzjonijiet tas-sikurezza tal-ikel u l-ġhalf tal-NGT tal-kategorija 2, f'konformità mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti fl-Anness II;*
- d) l-applikazzjoni tal-Artikoli 14 u 19, inklużi regoli dwar it-tħejjija u l-preżentazzjoni tan-notifika jew tal-applikazzjoni;*
- e) modalitajiet adattati għall-konformità mar-rekwiżiti tal-metodu analitiku msemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (l), u l-Artikolu 19(2).*

Qabel ma tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (d), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Awtorità. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-

AM\1295778MT.docx

PE756.833v01-00

Artikolu 28(3).

Or. fr